

Brussell, 9 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

13707/23

LIMITE

IXIM 180
JAI 1244
COMIX 425

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Implimentazzjoni tal-interoperabbiltà

Bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tad-19 u l-20 ta' Ottubru 2023, u b'kont debitu meħud tal-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA li saret fis-27 u t-28 ta' Settembru 2023¹, il-Presidenza ħejjiet informazzjoni dwar is-suġġett ta' hawn fuq għad-dispożizzjoni tad-delegazzjonijiet fl-anness.

Fir-rigward tal-informazzjoni li tinsab fl-anness, il-Presidenza tistieden lill-Ministri biex iwieġbu l-mistoqsija li ġejja:

- **Tapprovaw il-kalendarju tal-pjan direzzjonali li skont dan ser titwettaq l-arkitettura l-ġdida tal-IT mill-eu-LISA?**

¹ Fl-anness hija inkluża ittra tat-3 ta' Ottubru 2023, indirizzata mill-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA lill-Kunsill, li tikkomunika l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Bord tat-Tmexxija tas-27 u t-28 ta' Settembru.

L-Unjoni Ewropea bħalissa qed tiżviluppa l-aktar arkitettura kompluta u moderna tal-ġestjoni tal-fruntieri. Din tal-aħħar tinkludi s-Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES), is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS), is-Sistema mġedda ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal Nazzjonali ta' Pajjiżi Terzi (ECRIS-TCN). Dawn is-sistemi kollha, flimkien mal-VIS u s-SIS eżistenti ser isiru interoperabbli permezz tal-komponenti IO assoċjati, jiġifieri l-Portal Ewropew tat-Tfittxija (ESP), ir-Repożitorju Komuni ta' Informazzjoni dwar l-Identità (CIR), is-Servizz Kondiviż ta' Tqabbil Bijometriku (sBMS) u d-Detettur ta' Identitajiet Multipli (MID). L-aspett tar-rapportar u tal-istatistika ser ikun kopert permezz tas-CRRS, filwaqt li l-industrija (it-trasportaturi mill-oqsma kummerċjali kollha (ajru, art, baħar)) ser tiġi appoġġata permezz tas-servizzi web assoċjati għall-EES, l-ETIAS u l-VIS Riveduta. L-objettiv ta' din l-arkitettura l-ġdida tal-IT huwa li ttejjeb il-kontrolli fil-fruntieri, twitti t-triq lejn ġestjoni integrata tal-fruntieri, tlaħħaq mal-għadd dejjem akbar ta' vjaġġaturi, tiżgura livell għoli ta' sigurtà fiż-żona Schengen, u b'hekk tiżgura l-moviment liberu f'din iż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Din l-arkitettura l-ġdida tal-IT ser titwettaq mill-eu-LISA f'diversi stadji skont il-pjan direzzjonali li ġej:

- Stadju 1 Q3/24 sa Q4/24: dħul fis-seħħ tal-EES + l-sBMS (l-ewwel komponent tal-Interoperabbiltà) għall-EES u l-VIS;
- Stadju 2 Q1/25 sa Q2/25: dħul fis-seħħ tal-ETIAS + ESP u tas-CIR (it-tieni u t-tielet komponent tal-Interoperabbiltà);
- Stadju 3 Q2/25 sa Q3/25: dħul fis-seħħ tal-ECRIS – TCN + ESP u tas-CIR u l-sBMS għal-ECRIS-TCN;
- Stadju 4 Q3/26 sa Q4/26: dħul fis-seħħ tal-VIS imġedda + Tlestija tal-Arkitettura tal-Interoperabbiltà (twettiq tal-MID – l-aħħar komponent tal-Interoperabbiltà) u bidu tal-Perjodu Tranżitorju tal-MID.

B'mod parallel għal dawn l-iżviluppi fil-livell ċentrali, l-Istati Membri qed jimmodifikaw is-sistemi nazzjonali tal-fruntieri tagħhom, kif ukoll is-sistemi nazzjonali l-oħra li jappoġġaw oqsma oħra ta' attività (il-viża, l-immigrazzjoni u l-infurzar tal-liġi), biex ikunu jistgħu jaħdmu mas-sistemi implimentati mill-eu-LISA.

Il-konsultazzjoni mill-eu-LISA tal-Gruppi Konsultattivi tagħha (esperti tekniċi u manijers tal-proġetti tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u Aġenziji rilevanti oħra tal-UE) dwar dan il-pjan direzzjonali għdid irriżultat f'appoġġ wiesa'. Lejn l-aħħar ta' Settembru, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA, filwaqt li qies kif xieraq l-eżitu tal-konsultazzjoni tal-Gruppi Konsultattivi, invalida l-pjan direzzjonali.

Is-Sistema ta' Dħul/Ħruġ hija l-ewwel sistema li ser titwettaq fil-ħarifa tal-2024. B'mod parallel għall-EES, ser jidħol fis-seħħ ukoll l-sBMS, l-ewwel komponent tal-Interoperabbiltà, filwaqt li jservi wkoll il-VIS. Sitt xhur wara, fir-rebbiegħa tal-2025, ser issegwi s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Din tal-aħħar ser tiġi flimkien mal-ESP u s-CIR.

Wara li ffaċċat dewmien min-naħa tal-kuntrattur tagħha, matul is-sajf l-eu-LISA wettqet l-ewwel żewġ verżjonijiet tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ li issa qed jintużaw b'suċċess mill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jittestjaw l-iżviluppi nazzjonali tagħhom meħtieġa għat-tħaddim tal-EES f'diversi oqsma ta' attività, bħal fil-punti ta' qsim tal-fruntieri nazzjonali, il-konsulati, u l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni u tal-infurzar tal-liġi. Din it-tnedija b'suċċess tal-ewwel verżjonijiet tal-EES tagħti aktar fiduċja u assigurazzjoni dwar kemm ser ikun realistiku l-pjan direzzjonali tal-interoperabbiltà.

It-twettiq tal-verżjoni finali tas-sistema ewlenija huwa skedat għall-bidu tal-2024. Dan l-istadju importanti ser jiskatta l-bidu tal-ittestjar formali tas-sistema mill-awtoritajiet tal-Istati Membri. It-tlestija b'suċċess ta' dan l-ittestjar formali kif ukoll id-dikjarazzjonijiet min-naħa tal-Istati Membri li lesti biex jużaw is-sistema huma żewġ kundizzjonijiet meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ.

Minbarra l-apparati bijometriċi (scanners tal-marki tas-swaba' u kameras) li jridu jiġu installati f'kull punt ta' qsim tal-fruntiera, il-punti ewlenin ta' qsim tal-fruntiera għandhom ikunu mgħammra kemm jista' jkun bi kjoskijiet self-service, bibien awtomatizzati u sistemi awtomatizzati ta' kontrolli fil-fruntieri biex jiffaċilitaw u jħaffu l-kontrolli. Għal dak l-għan, il-Frontex qed tħejji applikazzjoni għall-apparati mobbli għall-fini ta' prereġistrazzjoni tal-EES. Bħalissa għaddej l-ittestjar ta' din l-applikazzjoni, f'fażi pilota, u huwa maħsub li l-applikazzjoni tkun lesta u disponibbli għall-Istati Membri kollha ferm qabel id-dħul fis-seħħ tal-EES.

Jekk l-użu tas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ jippermetti l-awtomatizzazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri, l-implimentazzjoni tagħha tirriżulta wkoll f'bidla kbira għall-ġestjoni ta' dawn il-kontrolli peress li s-sistema tirrikjedi r-reġistrazzjoni tal-vjaġġaturi kollha mhux tal-UE li jaqsmu l-fruntiera għal soġġorn qasir. Fid-dawl tal-hteġa li l-fruntieri tagħna jinżammu miftuħa u li jinżammu ħinijiet ta' stennija raġonevoli għall-kontrolli fil-fruntieri, jeħtieġ li d-dħul fis-seħħ tal-EES jitħejja fid-dettall u ser ikunu meħtieġa miżuri li jipprevjenu l-konġestjoni tal-punti ta' qsim tal-fruntieri. Għandhom jitqiesu wkoll kwistjonijiet tekniċi potenzjali li jirriżultaw mill-arkitettura kumplessa li tgħaqqad is-sistema ċentrali mas-sistemi nazzjonali tal-fruntieri u mal-punti kollha ta' qsim tal-fruntieri. Barra minn hekk, l-Istati Membri jridu jittestjaw, jeżaminaw u jirfinaw il-proċessi tal-attivitajiet u dawk operazzjonali assoċjati kollha u jħarrġu lill-gwardji tal-fruntiera tagħhom dwar l-użu ta' dawk il-proċessi f'waqtu. Għal dawn ir-raġunijiet, ġiet identifikata miżura addizzjonali li hija relatata mal-qbid u l-ħżin tal-bijometrika fis-Sistema ta' Dħul/Ħruġ; din tal-aħħar tista' tiġi attivata progressivament u għalhekk ser ikunu disponibbli miżuri ta' deroga għall-attivazzjoni f'punti ta' qsim tal-fruntiera individwali biex jiġu evitati ħinijiet twal ta' stennija. Id-data li ser tinżamm għad-dħul fis-seħħ mhux ser tkun waqt perjodi ta' avvenimenti kbar u żminijiet b'ammont għoli ta' vvjaġġar.

Is-sistema ta' Dħul/Ħruġ tista' tibda titħaddem biss wara li l-Istati Membri kollha jkunu ddikjaraw li huma lesti. Id-dewmien minn Stat Membru wieħed ser idewwem id-dħul fis-seħħ għal kulħadd. Huwa importanti li l-Istati Membri li jkunu qed jiffaċċaw diffikultajiet matul it-tħejjija tagħhom jirrapportawhom minnufih. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll l-eu-LISA ddikjaraw li jibqgħu disponibbli biex jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri fil-ġestjoni ta' tali diffikultajiet.

Ittra tal-President tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA



SENSITTIVA

03.10.2023

Deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA tas-27 u t-28 ta' Settembru 2023

Is-Sur Fernando Grande-Marlaska Gómez
Ministru għall-Intern
Ir-Renju ta' Spanja

Is-Sa Ylva Johansson
Kummissarju għall-Affarijiet Interni u l-Migrazzjoni
Il-Kummissjoni Ewropea

Mibgħuta biss bil-posta elettronika

Għażiż Ministru,

Għażiża Kummissarju,

Fil-31 ta' Mejju 2023, il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA approva l-istrateġija ta' riżoluzzjoni l-ġdida proposta mill-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-Arkitettura tal-Interoperabbiltà ġenerali, magħrufa bħala l-istrateġija ta' 3R (Rimobilizzazzjoni, Riżoluzzjoni, Rinnovament). Abbażi ta' din id-deċiżjoni, id-Direttur Eżekuttiv tal-eu-LISA infurmat il-Kunsill ĠAI fit-8 ta' Ġunju 2023 dwar it-triq 'il quddiem proposta. L-Aġenzija ntalbet tippreżenta l-iskeda ta' żmien riveduta għal deċiżjoni infurmata dwar il-kwistjoni waqt il-laqqgħa tal-Kunsill ĠAI tad-19 u l-20 ta' Ottubru 2023.

L-istruzzjonijiet ta' trattament għal informazzjoni SENSITTIVA jingħataw fuq <https://europa.eu/lqGiQVd>

AGĠENZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA'
SISTEMI TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ,
SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Vesilennuki 5, 10415 Tallinn, l-
Estonja

www.eulisa.europa.eu

SENSITTIVA

Minn Ġunju 2023, l-Aġenzija kompliet tinfina u tikkonsolida aktar il-Pjan Direzzjonali propost tal-Interoperabbiltà, filwaqt li implimentat b'mod attiv l-istrateġija l-ġdida ta' riżoluzzjoni b'enfasi fuq it-titjib tas-sinerġiji interni u t-tisħiħ tal-involvement u l-effiċjenza tal-kuntratturi esterni kollha. L-azzjonijiet meħuda mill-Aġenzija wrew li rnexxew u kienu ta' valur miżjud għall-Istati Membri. Barra minn hekk, dawn l-azzjonijiet tejbju l-impenn, l-istabbiltà u l-effiċjenza fl-implimentazzjoni tal-EES. Konsegwentement, żewġ rilaxxi li rnexxew ta' verżjonijiet intermedji avvanzati tal-EES tlestew f'Lulju u Settembru 2023 rispettivament; għall-ewwel darba fl-istorja tal-programm ta' żvilupp tal-EES, dawn ir-rilaxxi ħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa biex l-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati javvanzaw l-ittestjar tagħhom, inkluż bejn il-pajjiżi, u b'hekk, saħħew il-kapaċità tagħhom li jħejju aħjar għad-dħul fis-seħħ antiċipat.

Abbażi ta' dawn is-suċċessi inizjali, l-eu-LISA espandiet il-mudell aġli żviluppat permezz tal-istrateġija ta' riżoluzzjoni tat-3R fl-oqsma kollha tal-programmi ta' Interoperabbiltà u ħolqot approċċ operazzjonali u pjan direzzjonali konkreti u robusti għat-twettiq u l-implimentazzjoni tal-Arkitettura tal-Interoperabbiltà. Din tal-aħħar ġiet diskussa b'mod estensiv, f'koordinazzjoni mal-Korpi ta' Governanza tagħha. Fil-fatt, fil-proċess ta' rieżami u validazzjoni tal-pjan direzzjonali IO l-ġdid, ġew ikkonsultati l-Gruppi Konsultattivi tekniċi rilevanti kollha kif ukoll il-Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Programmi assoċjati. Kollha kemm huma, mingħajr ebda eċċezzjoni, ifformulaw opinjoni pożittiva (Gruppi Konsultattivi) jew rakkomandazzjoni pożittiva (Bordijiet tal-Ġestjoni tal-Programmi) b'appoġġ għall-proposta l-ġdida għall-pjan direzzjonali IO.

Wara dan, il-pjan direzzjonali IO l-ġdid (anness ma' din l-ittra) ġie ppreżentat lill-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA fil-laqqgħa tiegħu tas-27 u t-28 ta' Settembru 2023, fejn ġie approvat unanimament.

Il-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA inkarigani bħala l-president tiegħu biex ninforma lill-Presidenza tal-Kunsill u lill-Kummissjoni Ewropea qabel il-laqqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tad-19 u l-20 ta' Ottubru 2023 u biex infittex l-approvazzjoni tal-pjan direzzjonali IO l-ġdid.



Zsolt SZOLNOKI

Tislijiet,

President tat-Bord tat-Tmexxija tal-eu-LISA

SENSITTIVA

Kopja lil:

L-ET Marcos Alonso Alonso, Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti ta' Spanja għall-UE

Is-Sa Monique Pariat, Direttur Ġenerali, Direttorat Ġenerali għall-Migrazzjoni u l-Affarijiet Interni, Il-Kummissjoni Ewropea

Is-Sa Christine Roger, Direttur Ġenerali għall-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Anness - Pjan Direzzjonali tal-Interoperabbiltà

AĠENZJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦAT-TMEXXIJA OPERATTIVA TA' SISTEMI
TAL-IT FUQ SKALA KBIRA FL-ISPAZJU TA' LIBERTÀ, SIGURTÀ U ĠUSTIZZJA

Vesilennuki 5, 10415 Tallinn, l-
Estonja

www.eulisa.europa.eu

Pjan Direzzjonali għat -Twettiq tal-Arkitettura IO

VERŻJONI ĠDIDA - AĠĠORNATA SETTEMBRU 2023

Approċċ fi Stadji

Approvat mill-Bord tat-Tmexxija fis-27 u t-28 ta' Settembru 2023




1. a) Sistema ttestjata bis-sistemi EES u VIS, b) Implimentazzjoni sfiha tal-indikaturi ta-Kwalità tad-Data fl-Istadju 4, c) Rapportar fis-CRRS fl-Istadju 4
2. Kundizzjonali fuq in-Regolament Eurodac riformulat

PJAN DIREZZJONALI IO - Approċċ fi Stadji

VERŻJONI ĠDIDA - AĠĠORNATA SETTEMBRU 2023

Approvat mill-Bord tat-Tmexxija fis -27 u t-28 ta' Settembru 2023



1. a) Sistema ttestjata biss b' sistemi EES u VIS b) Implimentazzjoni sħiħa tal-indikaturi tal-Kwalità tad-Data fl-istadju 4, c) Rapportar fis-CRRS fl-istadju 4
 2. Data ta' bidu u ta' tmien tat-tranżizzjoni allinjati mal-EO
 3. Kundizzjonijiet u Regolamenti Eurodac riformulati

★ Perjodu ta' intervall tad -dnhul fis -seħħ ★

Tlestija teknika f'frazzjoni/stadji u perjodi i sussegwenti. Approċċ dettaljat ta' implimentazzjoni teknika li għandu jiġu żviluppata aktar.

